PDF Compressor Pro



Waqt is-serata mill-Versatile Brass taħt id-direzzjoni tal-Mro. Paul Borg

Lejla ta' Divertiment ma' Versatile Brass

Il-Campus t'Għawdex tal-Università ta' Malta organizża l-attività annwali tiegħu tas-sajf f'serata "*An Evening with Versatile Brass*".

Għall-attività taħt id-direzzjoni tal-Mro. Paul Borg attendiet udjenza mdaqqsa ta' madwar mitejn ruħ

Matul is-serata ġiet esegwita mużika popolari li tinkludi *Say I'm Sorry*, *Misty*, *Fever, Fly to the Moon*, *Sway*, *Girl from Ipanema*, u *Embraceable You*.

Preżenti kien hemm l-Assistent Parlamentari fil-Ministeru għal Għawdex, Frederick Azzopardi, Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, l-Aġent President Anton Tabone, il-Professur Lino Briguglio, Direttur tal-Campus t'Għawdex tal-Università u Simon Sammut li kien qed jirrappreżenta lir-Rettur tal-Università ta' Malta.

Din l-attività annwali organizzata mill-Campus tal-Università f'Għawdex saret attività popolari għal ħafna Għawdxin u Maltin kif ukoll għal ħafna barranin li jgħixu f'Għawdex.

Ħatra ġdida

Il-COMECE (*Commission of the Bishop's Conferences of the European Community*) ħatret lil Mons Joe Vella Gauci bħala membru tas-Segretarjat tagħha fil-kwalità tiegħu bħala espert dwar materja ta' libertà reliġjuża u relazzjonijiet internazzjonali. Din il-ħatra saret fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof Mario Grech u wara li Mons Vella Gauci qagħad għall-proċess tal-għażla flimkien ma' kandidati oħra.

Fost il-ħidmiet marbuta ma' dan l-uffiċċju, hemm il-monitoraġġ, analiżi u kontribuzzjoni ta' *policies* tal-istituzzjonijiet Ewropej dwar dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-libertà reliġjuża.

Mons Vella Gauci, li bejn is-snin 1996 u 2006 kien Arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral, speċjalizza fi studji relatati ma' dan il-qasam. Huwa daħal f'dan l-uffiċċju fl-1 ta' Ottrubru.



Mons Joe Vella Gauci

L-Isqof Mario Grech huwa Episkopali Maltija fi ħdan il-rappreżentant tal-Konferenza COMECE.



Waqt il-Kunċert tal-Indipendenza

Ċelebrazzjoni ta' Jum l-Indipendenza f'Għawdex

Iċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali fl-okkażjoni tas-46 anniversarju mill-kisba tal-Indipendenza, intemmu f'Għawdex, fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk) nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru fis-6.30 ta' filgħaxija, fejn il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, tellgħet kunċert sinfoniku taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ivan Borg, fil-preżenza tal-Prim Ministru u s-Sinjura Lawrence Gonzi.

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Waqt l-inawgurazzjoni ta' fabbrika ġdida mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi. Jidhru wkoll Mons. Isqof Mario Grech u d-Direttur Maniġerjali John Magro

Fabbrika Ġdida fix-Xewkija

Il-grupp *Magro Bros.* waqqaf fabbrika ġdida *Farm Fresh Limited* fiż-żona industrijali fix-Xewkija bl-investiment ta' żewg miljun ewro biex tipproduċi prodotti tal-ħalib bħal irkotta u ġbejniet u prodotti mill-frott u l-ħxejjex għas-suq lokali u internazzjonali. L-inawgurazzjoni tal-fabbrika saret mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi waqt illi t-tberik tal-post sar minn Mons. Isqof Mario Grech, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru.

Skond id-Direttur Maniġerjali John Magro, b'dan il-proġett ser jiġu mpjegati 36 persuna oħra.

F'diskors tal-okkażjoni, il-Prim Ministru qal illi ċ-ċeremonja tal-ftuħ uffiċjali tal-fabbrika l-ġdida hi ċelebrazzjoni ta' storja ta' suċċessi matul dawn l-erbgħa u disgħin sena li ilha mwaqqfa l-*Magro Brothers.* Storja ta' kumpanija li laqgħet l-isfidi u li dawrithom f'opportunitajiet. Kumpanija li hi bbażata fuq il-ħiliet tal-ħaddiema u s-sens intraprenditorjali tal-familja Magro li tant għandhom għal qalbhom l-innovazzjoni. F'dan kollu hija wkoll mera tal-istorja ta' pajjiżna. Mera ta' poplu ħawtiel, li jistinka u jaħdem biex jimxi 'l quddiem, ta' pajjiż li ddependa fuq il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-poplu li dejjem kien innovattiv tul is-snin u għeleb l-isfidi quddiemu.

F'isem il-Gvern, waqt illi irringrazzja u awgura l-kumpanija *Magro Brothers* aktar suċċessi fil-futur qal illi dan il-proġett kien ħolqa oħra fil-viżjoni li għandu l-Gvern għall-Gżira Għawdxija dik ta' *Eco-Gozo.*




L-istudenti Għawdxin f'Pollina

Studenti Għawdxin f'Pollina

L-istudenti tas-Sitt Sena li jattendu l-Kulleġġ ta' Għawdex, Skola Primarja tar-Rabat, ħadu sehem fil-proġett *Un Teatro per la scuola, le scuole per un teatro*, bħala parti mill-*Comenius Regio*. It-tfal ipparteċipaw fil-festival teatrali li sar f'Pollina, fit-Tramuntana ta' Sqallija.

Matul iż-żjara ta' ħamest ijiem, l-istudenti żaru postijiet ta' interess u ħadu parti fil-festival sportiv li sar b'kollaborazzjoni ma' skejjel oħra li ħadu sehem fil-proġett. It-tfal kienu akkumpanjati mill-għalliema tagħhom Michelle Mizzi u Miriam Portelli, l-assistenti kapijiet Silvio Grima u Lelio Spiteri u mill-Kav Frank Gatt Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti. Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna